# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Frar 2002**

**Avviz. numru 2020/98**

**Numru 19**

**Avukat Dr Sandra Sladden ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Vodafone Malta Limited gia Telecell Limited**

**vs**

**Emmanuel Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici nomine talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attrici nomine s-somma ta' erba mija u sitta u hamsin liri maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm456.73) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu, moghti lill-konvenut mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mill-14 ta' Settembru 1995 sas-27 ta' Marzu 1998.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali mill-14 ta' Settembru 1995.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (a fol 7 tal-atti) li biha eccepixxa illi huwa ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta attrici u f'kull kaz, l-azzjoni hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2148 (a, b u f) tal-Kodici Civili.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 10 tal-atti fejn l-attrici nomine ssottomettiet "....... li l-preskrizzjoni applikabbli f'dan il-kaz hu ta' hames snin taht l-artikolu 2156 F tal-Kodici Civili".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuta a basi tal-artikolu 2148(a) (b) u (f) tal-Kodici Civili, din il-Qorti ma tistax tara kif azzjoni bhal dik in esami li tirreferi ghal "access ghall-uzu ta' "mobile phone" u "airtime" ghall-istess uzu" tista' tinkwadra ruhha taht

l-artikolu tal-Kodici Civili citat mill-konvenut. Difatti jidher li azzjoni bhal dik in esami hi preskritta bit-trapass ta' hames (5) snin a basi tal-artikolu 2156(f) citat mill-attrici nomine kif hawn fuq premess.

Ghal dawn il-motivi tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif proposta mill-konvenut u tordna li dan il-kaz jitkompla skond il-ligi, bl-ispejjes riservati.

Alan Calleja
Deputat Registratur